**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 1 ta' Awwissu 2019

Rikors Numru: 180/19 AL

**AB**

Vs

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fl-għaxra (10) ta' Ġunju 1995 u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ markat Dok A.

2. Illi l-partijiet ilhom separati de lege għal aktar minn erba’ (4) snin u ċioe’ mis-17 t’ Awwissu 2006 u dan kif jirriżulta minn kuntratt ta’ separazzjoni bonarja in atti tan-Nutar Dottor Maria Briffa hawn anness u markat Dok B.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ snin mifrudin minn ma’ xulxin, illum għandhom ħajja totalment separata minn ma’ xulxin.

4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha espona (fol. 18):

1. Illi jaqbel li l-partijiet ilhom oltre erba` snin mhux flimkien kif maħsub mil-liġi;
2. Illi in oltre, jaqbel li llum il-partijiet għandhom hajja totalment separata minn ma’ xulxin, b’rabtiet familjari ġodda u għalhekk ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni;
3. Illi jaqbel mat-talbiet mressqin mill-attrici u għalhekk ma jopponix illi z-żwieġ tagħhom jinħall u jiġi ppronunzjat id-divorzju bejniethom.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ April, 2019;

Semgħet lill-avukat difensuri tal-intimat jinforma lill-Qorti li l-intimat m’ghandu ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-17 ta’ Awwissu, 2006;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;